# ĦOLM

Inqtajt:
u bil-ġwienaħ ħfief tal-ħsieb fil-għoli tlajt,
fejn imwieġ l-ibħra ma jistgħux għalija.
Intlift
f'baħar ieħor kaħlani
kollu kwiekeb bojod fidda
jgħumu fih bil-geġwiġija.

U rajt
dinjiet oħra mdawlin illi f'dinjieti
bħalhom ma rajtx u ma narax f'li ġej;
u għedt:
"Kemm Inti kbir Mulej!"

* * *

Arawni nittajjar fil-għoli
ma' ħuti li tani l-Bambin!
Dawn biss jiena għandi fid-dinja;
u ħadd u ħadd mill-bqija tal-bnedmin,

Għidilhom int lin-nies, ja Qamar sbejjaħ;
kemm drabi jien u int lgħabna flimkien;
u f'dak is-sħab ta' taħtek
kemm il-darba staħbejtli,
u kemm fittixtek jien.

* * *

Imma l-Qamar staħbieli issa għal kollox....
Fejn nerġa' nsibu qatt?
Fittxuhuli. Fittxuhuli.
Għax jiena ħlief bil-Qamar
donni ma rrid naf b'ħadd.

Romeo L. Psayla

Birkirkara, 25—xii—36.